MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-25 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 653/2005

**CAKE MASTERS LTD. (C23518)**

**vs**

**H.P COLE LTD. (C20)**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-8 ta’ Lulju, 2005, li bih il-kumpannija attriċi, wara li ippremettiet;

Illi s-soċjeta’ attriċi matul s-snin 2000 u 2001 ordnat mingħand is-soċjeta’ konvenuta kwantita’ ta’ merkanzija li tikkonsisti f’apparat u attrezzatura varja destinati għal numru ta’ stabbilimenti ta’ ikel f’Malta kollha proprjeta’ tas-soċjeta’ attriċi;

Illi bħala konferma ta’ dawn l-ordnijiet s-soċjeta’ attriċi ffirmat numru ta’ *purchase orders* li flimkien jammontaw

għal Lm170,075.52 hekk kif jidher mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. A1 sa A6.1;

Illi minn dan l-ammont ta' Lm170.075.52, is-soċjeta' attriċi ħallset Lm120,245.00 matul s-snin 2000 sa 2002 u dan hekk kif jidher mid-dokument hawn annessi u mmarkati bħala Dok. B sa B8;

Illi s-soċjeta' konvenuta kkunsinjat biss merkanzija skond il-*purchase orders* li tammonta għal Lm87,808.36 inkluż il-VAT (vide Dok. A4.1 u A5.1), ċioe' l-istess soċjeta' għandha bilanċ favur tagħha ta' Lm32,436.64, rappreżentanti merkanzija li qatt ma ġiet ikkonsenjata skond kif miftiehem bejn il-partijiet u dan għad li s-soċjeta' konvenuta intrabtet kemm-il darba bil-miktub li tikkunsinja din il-merkanzija u dan hekk kif jidher mid-dokument hawn annessi u mmarkati bħala Dok. C1 sa C5;

Illi f'Jannar tas-sena 2002 wieħed mid-diretturi tas-soċjeta' konvenuta, s-sur Kenneth Cole, pprepara numru ta' kambjali li flimkien jammontaw għal Lm80,270.00 (u dan hekk kif jidher mid-dokument hawn annessi u mmarkati bħala Dok. D1 sa D9) li d-direttur tas-soċjeta' attriċi, s-sur Emanuel Darmanin, iffirma mingħajr ma vverifika l-ammont ma' l-*accountants* peress li qagħad fuq il-kelma tad-direttur tas-soċjeta' konvenuta li miegħu sa dak iż-żmien kellu relazzjoni eċċellenti tant li s-sur Kenneth Cole saħansitra kellu prokura ġenerali fuq ismu;

Illi wara rriżulta li din is-somma ta' Lm80,270.00 ma tirrappreżentax l-ammont li kien għad fadal x'jitħallas fuq il-*purchase orders* iżda li fil-fatt kien hemm Lm30,888.34 rappreżentanti inkwantu għal Lm5,270.548 għal interessi li fuqhom qatt ma kien hemm ftehim u għal Lm25,617.80 għal merkanzija li fuqha kien hemm talbiet mis-soċjeta' attriċi għal *quotes* iżda li qatt ma ġiet ordnata tant li *purchase orders* fuq dan l-ammont qatt ma ġew iffirmati u dan hekk kif jidher mid-dokument hawn annessi u mmarkati bħala Dok. F1 sa F3;

Illi għad li kien hemm din il-vertenza fuq il-kambjali, s-soċjeta' attriċi ħallset l-ammont ta' Lm30,000 minn dawn

il-kambjali hekk kif jidher mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. G;

Ill matul is-snin 2002 sal-lum saru ħafna tentattivi mis-soċjeta' attriċi biex, fost oħrajn, fl-ewwel lok is-soċjeta' konvenuta tikkonsenja l-merkanzija ordnata u mħallsa, fit-tieni lok tippreżenta riċevuti fiskali f'dan l-ammont u fit-tielet lok jiġu ritornati l-kambjali oriġinali li kienu tħallsu u dan hekk kif jidher mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. H1 sa H7;

Illi r-risposti tas-soċjeta' konvenuta għal dawn l-interpellanzi kienu dejjem vagi u dan hekk kif jidher mid-dokument hawn annessi u mmarkati bħala Dok, I1 sa I4, u difatti għalkemm interpellata diversi drabi, s-soċjeta' konvenuta xorta waħda baqgħet inadempjenti u minħabba dan l-atteġġjament illegali u irresponsabbli da parti tas-soċjeta' konvenuta, s-soċjeta' attriċi qed issoffri danni konsiderevoli hekk kif ser jiġi spjegat ampjament matul it-trattazzjoni;

Illi s-soċjeta' attriċi ma għandhiex iktar fiduċja fis-soċjeta' konvenuta u dan għaliex din użat il-*buona fede'* tas-soċjeta' attriċi għall-iskopijiet tagħha;

Illi għal dawn ir-raġunijiet su esposti, l-kuntratti u l-*purchase orders* li sa issa ma ġewx onorati mis-soċjeta' konvenuta u magħhom kull ordni ta' pagament kif ukoll il-kambjali għandhom jiġu dikjarati xjolti u rexxisi.

Għaldaqstant, l-kumpannija attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara r-rexxissjoni u t-tħassir tal-kuntratt flimkien mal-*purchase orders* kollha kif ukoll kull arranġament ieħor bejn is-soċjeta' attriċi u dik konvenuta li sa issa ma ġewx onorati.

2. Tordna lis-soċjeta' konvenuta trodd lura l-ammont ta' Lm62,436.64, rappreżentanti merkanzija

ordnata u mħallsa minn qabel mis-soċjeta’ attriċi iżda li qatt ma ġiet ikkonsenjata skond kif miftiehem.

3. Tiddikjara lis-soċjeta’ konvenuta responsabbli għad-danni kollha li soffriet is-soċjeta’ attriċi.

4. Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjeta’ attriċi minħabba l-aġir illegali u rresponsabbli tas-soċjeta’ konvenuta jekk hemm bżonn bl-opera ta’ perit nominand.

5. Tikkundanna lis-soċjeta’ konvenuta tħallas id-danni hekk likwidati oltre l-imgħax legali.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta’ konvenuta li hija minn issa nġunta in subizzjoni.

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta’ Lulju, 2005, li bih tat direttivi lill-partijiet dwar it-tmexxija ‘l quddiem tal-kawża;

Rat li l-kumpannija mħarrka, notifikata kif imiss bl-Atti tal-kawża fil-25 ta’ Awwissu, 2005[1], naqset li tressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet fiż-żmien mogħti lilha mil-Liġi;

Rat in-Nota spjegattiva mressqa fis-7 ta’ Ottubru, 2005[2], mill-kumpannija attriċi, li biha fissret aħjar il-pretensjonijiet tagħha dwar l-ewwel żewġ talbiet tagħha;

Rat li l-kumpannija mħarrka, notifikata kif imiss bl-Avviżi tas-Smigħ tal-kawża permezz tal-proċess tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni, baqgħet ma dehritx quddiem il-Qorti, u b’hekk waqgħet kontumaċi;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-lum, b’mod partikolari d-dikjarazzjoni magħmula mill-Avukat Geoffrey Mifsud Farrugia, għall-kumpannija attriċi fis-sens li huwa jikkonferma li l-qagħda dwar l-ewwel żewġ talbiet attriċi baqgħet ma nbidlitx, filwaqt li l-istess kumpannija attriċi kienet qegħda tirrinunzja għat-tielet, ir-raba’ u l-ħames talbiet attriċi biex tirregola ruħha dwarhom mod ieħor;

---

[1] F’paġ. 179 tal-proċess
[2] Paġġ. 182-214 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-lum li ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi fid-dawl tal-iżviluppi li seħħew fil-kawża, jifdal biss li l-Qorti tqis il-mertu tal-ewwel żewġ talbiet attriċi. Dawn jikkonsistu f'talba biex il-Qorti tħassar il-ftehim ta' xiri u bejgħ milħuq bejn il-kumpannija attriċi u dik imħarrka, li bih tal-ewwel intrabtet li tixtri kwantita' ta' tagħmir għall-użu f'għadd ta' stabilimenti tal-ikel immexxija f'Malta mill-istess kumpannija attriċi. Ir-raġuni ewlenija li għaliha l-kumpannija attriċi qegħda titlob ir-rexissjoni tal-ftehim hija n-nuqqas tal-kumpannija mħarrka li tkompli twettaq il-parti tagħha tal-ftehim. Dan l-inadempiment joħroġ mill-provi mressqa[3], liema provi l-kumpannija mħarrka ma meriet bl-ebda mod. Fis-sewwa jrid jingħad li l-ewwel talba attriċi, hija waħda li trid li n-nuqqas tat-twettiq min-naħa tal-kumpannija mħarrka tar-rabtiet li hija għamlet mal-kumpannija attriċi jitfisser bħala l-konferma li l-kumpannija attriċi tinħeles mill-istess rabtiet kuntrattwali;

Illi din it-talba għalhekk tissejjes fuq diżpożizzjoni espressa tal-liġi[4], kif applikabbli għall-każ partikolari tal-obbligazzjonijiet kummerċjali li ma tħallix li jingħata żmien lid-debitur tal-obbligazzjoni li jkun moruż fit-twettiq tar-rabtiet kuntrattwali tiegħu[5];

Illi, minn dak li jirriżulta mill-atti tal-kawża joħroġ ċar li l-ewwel talba attriċi hija mistħoqqa u sejra tintlaqa';

Illi t-tieni talba tintrabat mal-ewwel waħda. Kemm hu hekk jirriżulta li l-kumpannija attriċi, imħajra mill-bona fidi murija mill-kumpannija mħarrka u mill-patti tal-ftehim, ħallset

[3] Affidavit ta' Emanuel Darmanin u Dr. Michael Cassar 10.6.05, Dok."J" u "K", f'paġġ. 65-7 u 136-140 tal-proċess
[4] Art. 1068 tal-Kap.16
[5] Art. 117 tal-Kap. 13

bħala akkont tal-prezz tal-ordnijiet magħmula diversi somom ta’ flus li b’kollox jaqbżu s-sittin elf Lira Maltija (Lm60,000). L-ammont mitlub fit-tieni talba huwa debitament pruvat b’għadd ta’ dokumenti, fosthom dokumenti bankarji[6] u kopji tal-kambjali li kellhom jakkumpanjaw il-ftehim[7];

Illi ladarba, b’effett tal-ewwel talba li se tiġi milqugħa, l-obbligazzjoni miftehma bejn il-partijiet tħassret, jiġi li l-flejjes li l-kumpannija attriċi għaddiet lil dik imħarrka qegħdin jinżammu minn din tal-aħħar mingħajr kawża xierqa. Ifisser ukoll li l-imsemmija somma trid tintradd lura lil min ħallasha ladarba l-obbligazzjoni m’hijiex sejra titwettaq;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-tieni talba wkoll jistħoqqilha tintlaqa’;

Dwar it-talbiet l-oħrajn, il-Qorti m’għandhiex għalfejn tistħarreġ aktar, ladarba ġew ċeduti;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa’ l-ewwel talba attriċi** u tħassar il-ftehim kollha milħuqa bejn il-kumpannija attriċi u dik imħarrka għall-provvista ta’ tagħmir fuq imsemmi, u dan minħabba li l-istess kumpannija mħarrka naqset li twettaq l-obbligi li min-naħa tagħha ntrabtet bihom fl-imsemmija ftehim;

**Tilqa’ t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka biex tħallas lura lill-kumpannija attriċi s-somma ta’ tnejn u sittin elf, erba’ mija u sitta u tletin liri Maltin u erbgħa u sittin ċenteżmi (Lm62.436.64), li tirrappreżenta flejjes imħallsin lill-istess kumpannija mħarrka bil-quddiem akkont tal-prezz tal-imsemmi tagħmir li baqa’ ma ġiex konsenjat;

[6] Dokti. “B6” – “B8”, f’paġġ 22-4 tal-proċess
[7] Dokti. “D2” – “D9”, f’paġġ 31-9 tal-proċess

**Tastjeni** milli tqis it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi billi l-kumpannija attriċi ċediethom; u

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka biex tħallas **l-ispejjeż tal-kawża,** flimkien mal-imgħaxxijiet legali fuq is-somma msemmija fit-tieni talba, b'effett mill-25 ta' Awwissu, 2005, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------